# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 226/2018/LSO**

**Salvina sive Sylvia Azzopardi Herbert (Id.105873M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Salvina *sive* Sylvia Azzopardi Herbert datat 8 ta' Marzu 2018 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat is-segwenti fatti :-

Illi r-rikorrenti twieldet fit-tmintax ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (18.02.1973) u dan skont certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok A;

Illi *stante* l-perjodu li l-esponenti twieldet fih, il-genituri tal-esponenti kienu rregistrawha bhala "Salvina Herbert", anke jekk huma minn dejjem kienu jirreferu ghaliha u jghajtulha bhak "Sylvia" u dan kif jirrizulta propju mill-annessa stedina (Dok B) ghall-festin, mibghut minnhom ftit granet wara t-twelid tar-rikorrenti;

Illi effettivament u kif huwa ben evidenzjat mill-annessi dokumenti, li jikkonsistu f’certifikati tal-iskola, santi tal-ewwel tqarbina, certifikati tal-Grizma, certifikati ta' mertu, certifikati tal-Matsec u diversi korsijiet ohra li qaghdet ghalihom ir-rikorrenti, kif ukoll ittri formali u ta' rakkomandazzjonijiet mahruga mis-sena 1973 sal-lum (komplessivament immarkati Dok C), l-esponent kienet konsistentament maghrufa bhak Sylvia tul hajjitha;

Illi ghaldaqstant, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi, l-esponenti ilha sa mis-sena 1973 u cioe` mit-twelid taghha maghrufa bl-isem Sylvia; u fil-fatt anke ghall-istituzzjonijiet Maltin u dawk esteri, inkluz il-London Chamber of Commerce and Industry, l-Universita` ta' Londra, l-Universita` ta' Alicante fi Spanja, l-Universita` ta' Malta u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, hija kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem (diversi dokumenti kollettivament mmarkati Dok D);

Illi ghaldaqstant, l-esponent tixtieq li l-att tat-twelid taghha, jigi korrett biex jirrifletti r-realta` tal-fatt u l-istat ta' fatt li r-rikorrenti ilha tghix sa mit-twelid taghha;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna; *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Sylvia Azzopardi Herbert";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega kemm fl-atti tat-twelid, kif ukoll f'kull att iehor relattiv u sussegwenti inkluz dak taz-zwieg u dan sabiex isimha jigi indikat u tkun maghrufa bhala "Sylvia Azzopardi Herbert", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' April 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 17 ta' April 2018 (fol 55) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tistqarr illi m'hijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi filwaqt li ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta, hija tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha huwa kien konsistentament msejjah bhala 'Sylvia' u mhux 'Salvina';

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponenti teccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, anness u mmarkat bhala Dok. DRP 1, l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat li ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-12 ta' Marzu 2018 (fol 52) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fl-att tat-twelid jigi korrett billi l-isem "Salvina" jigi sostitwit bl-isem "Sylvia".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem

"Sylvia". Ghal dan il-ghan, esebiet kopja ta' stedina wara t-twelid tar-rikorrenti, Dok B li tindika l-isem "Sylvia", kif ukoll, serje ta' dokumenti, Dok C li juru li sa mit-twelid u matul tfulitha kienet maghrufa bl-isem Sylvia. *Di piu`*, gew esebiti wkoll serje ta' diversi certifikati, certifikati skolastici u akkademici fejn isem ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Sylvia."

Inoltre`, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament u qalet li hija dejjem kienet imsejha bl-isem "Sylvia" u saret taf biss bl-isem imnizzel fl-att tat-twelid meta marret taghmel l-ID card. Semmiet li kull dokument skolastiku, mediku jew bankarju taghha hija dejjem tinsab indikata bl-isem "Sylvia Herbert" kif kienet imsejha minn twelidha.

Illi fid-dawl ta' dan l-affidavit u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikrorenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa sa minn tfulitha bl-isem "Sylvia", ghalhekk it-talba taghha hija gustifikata.

Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid Dok DRP1, esebit mar-risposta, iffirmat mid-dikjarant minn missier ir-rikorrenti. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti, din mhijiex ghal kollox konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti l-ohra ma gewx indikati bin-numru u bis-sena relattivi. Ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti huwa "Sylvia Herbert Azzopardi".

2. Tilqa' limitatament, t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li ssir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 1058 tas-sena 1973 billi l-isem "Salvina" jigi sostitwit bl-isem "Sylvia" fis-sens li l-isem tar-rikorrenti kif korrett ghandu jkun "Sylvia Herbert."

Rigward dak mitlub f'parti mit-tieni talba u fit-tielet talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2018**